# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 60/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**Proman Limited (C 84386)**

**Vs**

**Michael Scerri (K.I. 625051(M)) u Doris *sive* Doreen Scerri (K.I. 897351(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat nhar il-25 ta' Frar 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti iħallsuha l-ammont ta' elfejn, disa' mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħdax il-ċentenżmu (€2,979.11) rappreżentanti merkanzija mibjugħa, konsejata u mhux imħallsa kif aħjar deskritt fl-Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri, dawk t'ittra ufficjali, t'ittra interpellatorja u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra d-dokument anness mal-Avviż[2];

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 30 ta' Ġunju 2020[3] permezz ta' liema huma laqgħu għat-Talba attriċi billi eċċepew is-segwenti; (i) li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetá attriċi, (ii) li huma dejjem innegozjaw mad-direttur tas-soċjetá attriċi fil-vesti personali tiegħu, u li l-madum mertu tal-proċeduri ġie kkonsenjat bħala parti minn kuntratt t'appalt, (iii) li fir-rigward ta' dan l-appalt hemm proċeduri pendenti oħra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Ra l-affidavit ta' Mario Falzon u d-dokument hemm annessi[5];

Sema' x-xhieda ta' Michael Scerri u ta' Mario Falzon[6];

Ra n-nota b'dokumenti tal-konvenut Michael Scerri[7];

Sema' x-xhieda ulterjuri tal-konvenut Michael Scerri[8];

---

[2] Fattura mmarkata bħala Dok A u li tinsab a fol 2 tal-proċess.
[3] A fol 12 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 26 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 28 tal-proċess.
[6] Inizjalment dan seħħ waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021 iżda s-sistema elettronika dakinhar falliet. Għalhekk din l-istess xhieda reġgħet ġiet mismugħa fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 63 tal-proċess.
[8] Magħmula fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021.

Ra l-affidavit ta' Salvo Russo[9];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-konvenut Michael Scerri[10];

Sema' t-trattazzjoni finali erudita magħmula mid-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[11];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Mario Falzon, inizjalment permezz t'affidavit[12]. Hawn jispjega li huwa d-direttur tas-soċjetá attriċi u li l-istess ġiet reġistrata mal-Awtoritá konċernata fit-12 ta' Jannar 2018. Jgħid li fl-14 ta' Jannar 2019 is-soċjetá attriċi kienet biegħhet lill-konvenuti l-materjal hawn diskuss. Il-konvenut Scerri kien mar fis-showroom jagħmel din l-ordni. Il-fattura relattiva ħarġet fid-data tal-kunsinna. Il-prezz hawn mitlub baqa' ma tħallasx u għalhekk saret ittra

[9] Magħmul bl-Ingliż anke fuq nuqqas t'oġġezzjoni tad-difensur tas-soċjetá attriċi u li ġie ippreżentat permezz ta' nota li tinsab a fol 132 tal-proċess.
[10] Magħmul fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021.
[11] Din tibda a fol 145 tal-proċess.
[12] Nota relattiva tinsab a fol 28 tal-proċess.

uffiċjali, liema ittra ġiet imwieġba. Jgħid li m'huwiex minnu li l-konvenuti ma kienux jafu bl-eżistenza tas-soċjetá attriċi għaliex fis-6 ta' Settembru 2018, kumpannija tal-konvenuti għamlet mandat ta' Qbid kontra l-azzjonijiet li għandu hu fis-soċjetá attriċi. Jgħid li l-appalt preċedenti m'għandu x'jaqsam xejn u kien sar minnu personalment għaliex il-kumpannija tiegħu ma kinitx għada teżisti. Ġew eżebiti numru ta' dokumenti.

Illi in kontro-eżami[13], jaqbel li huwa ġie kkummissjonat sabiex jagħmel xogħol fid-dar tal-konvenuti. Jaqbel lis-soċjetá attriċi ma kinitx teżisti dak iż-żmien. Fis-sena 2017 l-appalt ġie tterminat mill-konvenut Scerri. Jgħid li l-maduma mertu ta' dawn il-proċeduri ġie akkwistat fis-sena 2019. Ma jaqbilx li dan kien ġie akkwistat qabel. Jgħid li din hija kwistjoni separata.

Illi l-konvenut xehed ukoll inizjalment permezz t'affidavit[14]. Hawn spjega li huwa u martu (l-konvenuta l-oħra) kienu avviċinaw lil Mario Falzon li dak iż-żmien kien jiġġestixxi n-negozju bl-isem ProMan Interiors, sabiex jagħmel xogħol ta' finishings abbundanti. Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol qatt ma kienu jintbgħatu fatturi iżda biss *statements*. Jgħid li għal dan ix-xogħol huwa qatt ma tkellem jew ġie mgħarraf bl-eżistenza tagħha. Huwa dejjem irċieva statements minn ProMan Interiors. Jgħid li fil-fatt kawża oħra pendenti hija miftuħa minn Mario Falzon f'ismu proprju u għan-nom tad-ditta ProMan Interiors. F'dik il-kawża qiegħed jintalab il-bilanċ kollu ta' dan l-appalt, inluż, skond hu, ta' dan il-materjal. Jgħid ukoll lix-xogħol ma sarx kollu u mhux fiż-żmien miftiehem. Dak li sar, ma sarx skond is-sengħa u l-arti. Dwar dan il-madum jgħid li dan kien inxtara f'lot wieħed u mhux inxtara wara kif qiegħed jgħid Mario

[13] Magħmul fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.
[14] Nota relattiva tinsab a fol 63 tal-proċess. Dan ġie ġġuramentat waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.

Falzon. Ix-xoħgol kien sar ħażin u komplieh xi ħadd ieħor. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi sussegwentement reġa xehed in eżami l-istess konvenut[15]. Hawnhekk jerġa' jirriafferma l-pożizzjoni tiegħu li huwa qatt ma kien sema bl-eżistenza tas-soċjetá attriċi. Jgħid li f'xi żmien kienu għaddejjin trattatavi sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni tal-appalt u kellhom laqgħa bejniethom. Din seħħet ġewwa il-Loft Cafe' in-Naxxar. Kien hawnhekk li l-konvenut qallu li għandu problema bil-madum għax ma setax isib bħalu. Is-Sur Falzon qallu li seta jaqdih u wara jumejn qallu li għandu l-ammont rikjest minn Scerri. Scerri jgħid li dan kien hekk għaliex il-madum kien diġa' inxtara qabel meta kien beda l-appalt. Kienu inklużi fl-arranġament oriġinali, li kien sar f'Marzu 2013. Jgħid li huwa qiegħed jistaħba issa wara din il-kumpannija. Ġiet eżebita dokumentazzjoni u punti ulterjuri li rrefera għalihom is-Sur Scerri waqt id-depożizzjoni tiegħu.

Illi in kontro-eżami[16] jgħid li huwa qatt ma ħallas l-ammont intier tal-appalt oriġinarjament maqbul. Dwar il-kawża l-oħra pendenti jikkonferma li mhux l-ammont sħiħ li qiegħed jintalab. Jgħid li waqqaf lis-Sur Falzon diversi drabi milli jkompli bix-xogħol. Huwa waqfu b'mod definittiv fis-sena 2017. Fis-sena 2018 l-appalt kien imwaqqaf. Jikonferma li kien hemm xi madum mhux f'postu f'dan iż-żmien. Il-madum kien jinżamm f'garaxx (propjeta tal-konvenut). Dakinhar tal-laqgħa fin-Naxxar huwa kien mar fuq stedina ta' Mario Falzon. Jikkonferma li lis-Sur Falzon qallu li kellu problema biex jerġa jsib dan il-madum. Kien mar għand diversi stabbilimenti sabiex jixtri l-istess. Jikkonferma li kien Russo li għamel imbgħad ix-xogħol ta' tqegħid tiegħu. Huwa qatt ma inkariga lil Falzon

[15] Magħmul fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021. Xhieda relattiva tibda a fol 127 tal-proċess.
[16] Magħmul fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021 u jibda a fol 136 tal-proċess.

biex jitpoġġa l-madum. Dwar l-fattura jgħid li huwa qatt ma xtara xejn mingħand is-soċjetá attriċi. Jgħid ukoll li nħarġet fattura fuq il-kumpannija tiegħu (ta' Scerri) u dan qatt ma kien il-kliem. In ri-eżami magħmul fl-istess seduta, u lura għal-laqgħa ġewwa n-Naxxar jgħid li l-kawża l-oħra kienet diġa' miftuħa. Il-laqgħa kienet sabiex jiftehmu fuq kollox. Is-Sur Falzon kien qallu li sejjer jagħtih dan il-madum, kien sejjer jara kemm kienet għad għandu u jgħaddilu.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Salvo Russo permezz t'affidavit[17]. Hawn jgħid li huwa kien ġie avviċinat mill-konvenut Scerri sabiex jagħti ċifra dwar kemm sejjer jiswa x-xogħol madwar il-pixxina tal-konvenut u l-madum relattiv. Wara li mar fuq il-post sab diversi problemi. Fost dawn kien hemm kwistjoni dwar il-madum u l-fatt li l-art ma kinitx livellata. Huwa ġie inkarigat jagħmel xogħol ulterjuri. Dan ix-xhud ma ġiex kontro-eżaminat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi t-Tribunal iqis li għandu l-ewwel u qabel kollox jinvestiga l-ewwel parti (sa ċertu punt, magħdud mal-bidu tat-tieni parti) tal-eċċezzjonji imressqa mill-konvenuti. Dan huwa hekk għaliex f'każ li dan l-argument jintlaqa' allura investigazzjoni ulterjuri tkun inutili.

Illi permezz ta' din il-linja difensjonali, il-konvenuti jgħidu li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni mas-soċjetá attriċi. Fi kliem ieħor qiegħdin jattakkaw l-interess

[17] Nota relattiva tinsab a fol 132 tal-proċess.

ġuridiku meħtieġ mis-soċjetá attriċi sabiex din tmexxi fil-konfront tagħhom[18]. Huma jibbażaw dan l-argument fuq il-fatt li r-relazzjoni tagħhom, matul is-snin, dejjem kienet mad-direttur tal-istess, ċioé Mario Falzon personalment u mhux ma din id-ditta.

Illi wara debita riflessjoni, li ħa l-ħin tiegħu, dan it-Tribunal isib li din l-ewwel parti tal-eċċezzjoni hija ġusta.

Illi huwa ben aċċettat li teżisti preżunzjoni li meta wieħed jidħol f'kuntratt partikolari (f'dan il-każ, m'huwiex sejjer isir dibattitu dwar jekk il-mertu ta' dan il-proċediment jifformax parti konsegwenzjali għall-appalt jew huwiex wieħed separat, minħabba dak li sejjer jingħad fil-parti konkludorja) ikun qiegħed jagħmel dan f'ismu personali[19] u mhux in rappreżentanza ta' xi soċjetá. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza nostrana hija waħda għal kwantu konkordi[20].

---

[18] Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited,** (App Ċiv Nru: 289/2006/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' April 2008 ġie mfakkar hekk: *" In linea ta' principju generali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f' gudizzju trid, necessarjament, titwieled minn rapport guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, lezjoni ta' dritt minn intervent delittwuz jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad ezempju, f' kondominju jew ilkrejazzjoni ta' certi servitujiet). Li jfisser, b' konsegwenza, illi kawza ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop taghha jekk mhux fil-konfront ta' dak li mieghu l-attur, ghal xi wahda mill-konnessjonijiet accennati, ghandu relazzjoni guridika. Naturalment, l-accertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bazi tal-petitum u, cjoe, tar-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur bit-talba tieghu".*

[19] Ikun qiegħed jonqos it-Tribunal jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza (u għall-konfezzjonament ta' ġurisprudenza hemm magħmula) fl-ismijiet **AC Enterprises Limited vs Victor Galea *et*,** (App Nru: 323/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2016.

[20] F'dan is-sens fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Acma Inox and Metal Limited vs George Cauchi et,** (Rik Nru: 444/10) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Marzu 2017. Fuq l-istess vena kienet ukoll is-sentenza, iċċitata diversi drabi, fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna,** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar is-27 ta' April 1992. F'din l-aħħar sentenza kien ġie affermat hekk: *""hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun*

Illi dawn il-kriterji japplikaw b'mod ġenerali kemm jekk persuna hix konvenuta jew attriċi f'xi proċediment partikolari. B'hekk fjankat ma dan il-kunċett hemm il-kwistjoni tal-leġittimita attiva jew passiva, skond il-każ.

Illi m'hijiex is-sentenza finali li tagħti d-dritt soġġettiv utilizzat; din ta' l-aħħar tikkonferixxi d-dritt ta' esekuzzjoni fuq dak id-dritt allegat, ġialadarba jiġi hekk konfermat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja[21]. Fi kliem forsi aktar sempliċi, min jaġixxi sabiex jiġi konkretizzat lilu d-dritt minnu utilizzat jew ksur lamentat tiegħu, għandu *in primis* juri li huwa jippossjedi dak id-dritt[22]. Għalhekk dak li

---

*ragonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta li f'isem ħaddieħor"*. Ma jkunx futili wkoll lis-ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar *et,*** (Rik Maħluf Nru: 1008/14) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Ġunju 2016. Ir-referenza hija kemm għal dak hemm deċiż kif ukoll għar-rakkolta ġurisprdenzjali in materja.

[21] F'dan is-sens il-ġurista **Lodovico Mortara** jgħallem hekk: "*La sentenza non crea dal nulla un diritto subbiettivo, ma conferisce forza ed effetto di diritto subbiettivo ad una pretesa presentata al magistrato sotto forma di domanda o di eccezione; e fa presumere che questo diritto abbia preesistito all'iniziamento del rapporto processuale, per il tempo che conviene alla sua natura e alle circostanze particolari del fatto.*[21] - Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, II Volum, Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, III edizzjoni, a fol 547. Bl-istess mod jgħid il-ġurist **Piero Calamandrei**, meta bil-mod filosofiku tiegħu dwar il-kunċett tal-karattru ta' sentenza jgħid hekk: "*La sentenza ha carattere dichiarativo; in quanto essa non mira a creare il diritto, non tende a formare nuovi rapport giuridici, ma si limita a riconoscere le concrete volontà di legge, nelle quali giá, prima del processo e senza l'intervento del giudice, la norma astratta si é specializzata, indirizzandosi ai soggetti del rapporto giuridico controverso."* – Opere Giurdiche, Vol I, Problemi Generali del Diritto e del Processo, Roma TrE-PRESS, stampat wara awtorizzazzjoni mill-eredi tiegħu fis-sena 2019, a fol 67.

[22]L-istess ġurist **Lodovico Mortara,** riferut fin-notament preċedenti jkompli jispjega hekk: *"L'interesse ad agire o difenderesi e dunque un interesse giuridico; vale a dire, non puó consistere nel sempliċi godimento altruistice e tutto intellettuale di procurare la ripristinazione dell'impero di unoa norma giuridica violata; ma deve concretarsi anzitutto nella possibilità che chi agisce sia il soggetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole riconosciuto.* - Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile, II Volum, Casa Editrice Dottor Francesco Vallardi, III edizzjoni, a fol 589. L-istess ġurist imbagħad ikompli jissenjala hekk dwar dan il-presuppost proċesswali:, *"La capacitá processuale va considerata sotto due aspetti: come capacitá, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacitá di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacitá ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacitá processuale attiva e passiva,*

kellu jintwera huwa li s-soċjetá attriċi kellha d-dritt hi stess[23] sabiex tħejji l-azzjoni proposta minnha. Huwa wkoll aċċettat li l-preżunzjoni hawn fuq imsemmija, hija waħda hekk imsejħa *iuris tantum* fis-sens li hija l-vinċibbli dik il-preżunzjoni bil-komfort ta' provi tajbin kontriha[24].

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fattispecie ta' dan il-każ, għal dan it-Tribunal il-preżunzjoni li Mario Falzon wera' li kien qiegħed jaġixxi f'isem xi kumpanijja hija mankanti. Dan jingħad għaliex huwa ċar (anke jekk wieħed kellu jelimina dibattitu dwar jekk verament il-konvenut Scerri ħasibx li dan il-materjal kien b'xejn jew kienx qiegħed jinnegozja xi forma ta' xiri) li dan l-aħħar negozju sar proprju f'qafas ta' diversi litiġji oħra. Huwa ammess u aċċettat mill-kontendenti

---

*cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacitá di agire in giudizio è la normale capacitá di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacitá di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi."* – Foll 630 u 631 tal-itess opera.

[23] L-awturi **Crisanto Mandrioli u Antonio Carratta** jgħidu hekk: *"Presupposto significa requisito che deve esistere prima di un detrminato atto perché da quell'atto discendano determinate conseguenze. Riferendosi al rapport giuridico processuale, la dottrina configuri i presuppost processuali (o presupposti del rapport processuale) come quei requisiti che debbono esistere prima dell'atto che pone in essere quel rapport, ossia l'atto col quale si chiede la tutela giurisdizionale, cem come vedremo ampiamente, e la domanda".* – Diritto Processuale Civilie, GIAPPICHELLI, Volum1, XXVII exiss, 2019, fol 39.

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici *noe* vs Mark Grima,** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 t'April 1992 fejn awtorevolment kien ġie deċiż hekk: *"Illi hija ħaġa minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.....il-piż tal-prova li min ikkontratta, ikkontratt f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni ".* Fuq l-istess tematika, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sciberras *et* vs Anthony Montebello *et*,** (Ċit Nru:744/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003. F'dik is-sentenza, b'self minn sentenza preċedenti, kien ġie mfakkar hekk: *"......Kif rilevat fis-sentenza "Lawrence Formosa et nomine - vs- Silvio Felice", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 "Sewwa jinghad li l-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-preżunzjoni iuris tantum tvarja sew minn kaz ghall-iehor. Jispetta lill-gudikant jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.".*

li din il-kwistjoni "ġdida" rigwardanti l-appalt sar f'dan l-isfond. Dan meta Scerri u Falzon kellhom diġa pendenti diversi kawżi rigwardanti r-relazzjoni primarja tagħhom. Huwa dan il-mument li huwa ta' rilevanza[25]. Is-sempliċi fatt, li wara dan in-negozju, inħarġet fattura bl-intestazzjoni tas-soċjetá attriċi ma tgħin xejn sabiex ixxejjen id-dubji serji li għandu dan it-Tribunal li fil-veritá ma kienx is-Sur Falzon waħdu li nneggozja dan il-bejgħ. It-tempistika ta' kif ġraw l-affarijiet ukoll jimmilitaw favur it-teżi tal-konvenuti.

Illi għalhekk għal dan it-Tribunal, is-soċjetá attriċi ma kellhiex u m'għandiex l-interess ġuridiku sabiex tirnexxi f'din l-azzjoni[26].

Illi t-Tribunal sejjer jieqaf hawn u b'hekk iħalli kwistjonijiet oħra li ġew argumentati mpreġudikati. L-eċċezzjonijiet l-oħra għalhekk m'humiex qiegħdin jiġu deċiżi[27]. Għalhekk dak li ġie hawnhekk deċiż m'għandux jinftiehem bħala ġudizzju dwar jekk din it-Talba tikkonċernax l-istess appalt preċedenti u, bi sfiq ma' dan, jekk il-mertu tal-proċeduri l-oħra attwalment pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili m'għandux b'xi mod jiġi mfixkel minħabba dak issa hawn deċiż.

---

[25] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vella vs Vella,** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Diċembru 1999.

[26] Dwar dan is-suġġett, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Rasenberg vs AM language Studio,** (Tlb Nru: 5/2018 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut (fi proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar) nhar il-11 ta' Ġunju 2020.

[27] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Bartolo et vs Marthese Caruana et,** (App Ċiv Nru: 383/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Awwissu 2021, ingħad hekk: "*Għalkemm qorti tkun ħalliet kawża biex taqta' dwar numru ta' eċċezzjonijiet, ma jkollhiex għalfejn tqishom kollha jekk kemm-il darba tilqa' xi eċċezzjoni li tkun tolqot il-mixi 'l quddiem tal-kawża. L-għoti ta' sentenza huwa maħsub għad-deċiżjoni ta' punt mistħarreġ u mhux biex qorti toqgħod turi kemm taf. U jekk, wara li tingħata deċiżjoni dwar eċċezzjoni partikolari, ma jkunx għad hemm il-ħtieġa li qorti tgħaddi biex tistħarreġ eċċezzjonijiet oħrajn, dan ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-mod kif dik il-qorti tkun għażlet li tqishom.*"

Illi finalment tinħass il-ħtieġa li dan it-Tribunal jirrimarka li din id-deċiżjoni m'għandiex tinqara bħala kritika lejn id-difensur li assista lis-soċjetá attriċi waqt dawn il-proċeduri; li għamel xogħol lodevoli u b'żelu, kif anke jemerġi mit-trattazzjoni finali minnu magħmula[28]. Huma l-fatti li wasslu għall-konviċiment ta' dan it-Tribunal kif hawn fuq indikat.

Għaldaqstant, filwaqt lit-Tribunal qiegħed jastjeni milli jikkunsidra t-tieni u t-tielet parti tal-unika eċċezzjoni tal-konvenuti, qiegħed jilqá l-ewwel parti tal-istess eċċezzjoni u konsegwentement qiegħed jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá attriċi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[28] Fil-fatt, it-Tribunal deherlu li għandu jfaħħar lid-difensuri tal-partijiet hekk kif jemerġi mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2021 propju għaliex mxew b'grad t'attivitá proċesswali ġusta u b'sens ta' xogħol preparat u studjat, li tistona ferm mall-informalżmu u leġġerezza li sfortunatament ta spiss jirriskontra dan it-Tribunal fi proċeduri quddiemu.